Acc due €100

368

PA

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL RECEIVED - 1 OCT 2018

**Penza Construction Limited (C 5992)**

**Vs.**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**APPELL** ta' Penza Construction Limited (C 5992).

Tesponi bir-rispett:

ILLI, permezz ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq - Ksur ta' Avviz - (**DOK: A**), l-esponenti giet avzata, fost ohrajn, illi:

*"l-Awtorita' tal-Ippjanar jidhrilha li kien hemm ksur tal-Avviz imsemmi. Fl-Avviz EC/00004/15, l-Awtorita' kienet esigiet li jieqaf immedjatament kull zvilupp fuq is-sit in kwistjoni, u ma jinbeda ebda zvilupp iehor fuq l-sitess sit. Minkejja din l-ordni, l-Awtorita' jirrizultalha li l-izvilupp illegali rega beda / tkompla billi:*

- *Gie depozitat aktar materjal inert / tal-kostruzzjoni u materjal imhallat iehor;*
- *Tkompla l-bini ta' hitan bil-gebel tal-franka u ohrajn mibnija bil-'bricks' sabiex jigu ffurmati garaxxijiet / imhazen;*
- *Nbniet / Giet iffurmata tinda tal-metall adjacenti ghall-garaxxijiet / imhazen imsemmija.*

*Jidher ukoll li dan il-ksur jikkwalifika ghall-penali kif elenkat fl-iskeda ta multi ghal kull gurnata liema skeda tinsab fl-Avviz Legali 276 tal-2012 (Regolamenti tal-2012 dwar Multi ghal Kull Gurnata."*

ILLI l-esponenti hassitha aggravata b'dan l-Avviz u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell;

ILLI l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**I.** ILLI, in linea preliminari, l-esponenti qatt ma giet debitament notifikata skond il-ligi bl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq originali tat-28 ta' Jannar 2015, ossija EC/00004/15, u konsegwentement l-Avviz meritu ta' dan l-appell huwa irritu u null;

**II.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu illi rega beda jew tkompla id-depozitar ta' materjal inert / tal-kostruzzjoni, u materjal imhallat iehor, li jimmerita l-hrug ta' Avviz skond il-ligi;

**III.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li rega beda jew li tkompla l-bini ta' hitan bil-gebel tal-franka u ohrajn mibnija bil-'bricks' sabiex jigu ffurmati garaxxijiet / imhazen, li jimmerita l-hrug ta' Avviz skond il-ligi;

**IV.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li nbniet / giet iffurmata tinda tal-metal adjacenti ghal-garaxxijiet / imhazen, li timmerita l-hrug ta' Avviz skond il-ligi;

**V.** ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Avviz in kwistjoni huwa totalment infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell;

ILLI l-esponenti tirrizerva d-dritt illi taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u li tipprezenta provi ulterjuri permezz ta' xhieda u dokumenti matul is-smiegh tal-appell;

GHALDAQSTANT l-esponenti, ghar-ragunijiet kollha suespost, u ghal dawk ir-ragunijiet ulterjuri kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dan l-appell, titlob umilment u bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jhassar u jirrevoka l-Avviz meritu ta' dan l-appell, u dan salv kull provvediment ulterjuri li dan l-istess Tribunal jista' joghogbu jimponi.

**Alexander Schembri LL.D.**
*68/69, Melita Street, Valletta.*

*Esponenti: Hal Far Industrial Estate, Hal Far.*

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Penza Construction Limited (C 5992)**

**Vs.**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**LISTA TA' XHIEDA**

**I.** Haddiema, rapprezentanti, agenti u konsulenti, passati u prezenti, tal-esponenti, inkluz Carmelo Penza, sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz;

**II.** Periti inkarigati mill-esponenti sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz;

**III.** L-*enforcement officers* koncernati sabiex jixhdu dwar l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru EC/00004/15, inkluz in-notifika tieghu, u dwar l-Avviz in kwistjoni;

**IV.** Rapprezentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jixhdu dwar l-allegat zvilupp fuq is-sit in kwistjoni u fuq kwalsiasi applikazzjoni pendenti.

**Alexander Schembri LL.D.**
*68/69, Melita Street, Valletta.*

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Penza Construction Limited (C 5992)**

**Vs.**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**ELENKU TA' DOKUMENTI**

**I. DOK: A** - Kopja tal-Avviz in kwistjoni.

L-esponenti tirrizerva d-dritt illi tipprezenta dokumenti ulterjuri waqt is-smiegh ta' dan l-appell.

**Alexander Schembri LL.D.**
*68/69, Melita Street, Valletta.*